KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 35 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Erbgħa 30 ta' April 2014 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.40p.m. ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.40p.m. | 10.15p.m. |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 7.40p.m. | 10.15p.m. |
| Kunsillier Alexander Muscat | ~~assenti~~ SKUŻAT | |
| Kunsillier Abraham Bezzina | 7.57p.m. | 8.50p.m. |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | skuzata | |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.35p.m. | 10.15p.m. |
| Kunsillier Jean Paul Camilleri | 7.30p.m. | 10.15p.m. |
| Kunsillier James Cassar | 7.30p.m. | 10.15p.m. |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.30p.m. | 10.15p.m. |
| Kunsillier David Meilak | ~~assenti~~ | SKUŻAT |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.20p.m. | 10.15p.m. |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 34 - 12 ta' Marzu 2014**

Il-minuti kienu ntbagħtu qabel il-laqgha u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier James Cassar talab u ġie approvat li jitniżżel bħala skużat u mhux assenti minħabba li huwa kien avża li ma setax jattendi.

**2.00 Punti Imqajma mill-Minuti**

**2.01** Dwar item 6.00 is-Sindku Dr. Shirley Farrugia nfurmat il-laqgħa li sal-lum il-Kunsill ma rċeviex *feedback* mir-Reġjun dwar x'kien ir-riżultat tas-sorveljanza li saret mill-Green Wardens fil-Mosta.

**2.02** Dwar item 7.00(b) is-Sindku infurmat li saret l-applikazjoni lill-MEPA għal-fondi mill-UIF sabiex jiġi *refurbished* il-*playground* fi Ġnien Reggie Cilia. Sadanittant ġew konklużi t-*tenders* maż-żewġ kuntratturi (JGC u FGL Commercial Sales Ltd.) għal-apparat tal-playground u safety flooring rispettivament. Il-kuntrattur Adam Bugeja għandu jibda il-livellar tal-*ground* bil-konkrit dalwaqt.

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

**2.03** Dwar item 5.01-Dwal fil-baxx fuq il-pont ta' Triq il-Fortizza tal-Mosta, ġiet ippreżentata stima tax-xogħol involut mill-Ing. Mario Galea ta' €3,279.--. Il-Kunsill approva li jibdew il-proċeduri ma' Enemalta sabiex il-Kunsill jingħata permess għal dan id-dawl kif propost. Wara din l-approvazjoni għandha tinħareġ sejħa għax-xogħol ta' trinek u stallazjoni tad-dwal kif meħtieġ.

**2.04** Dwar item 3.00 – Batterija tat-Targa, il-Kunsillier Keith Cassar talab li tintbagħat reminder lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jigu solvuti l-*items* pendenti.

**3.00 Materji Finanzjarji**

a) **Lista ta' Pagamenti -** Ġiet approvata unanimament lista annessa ta' pagamenti (Skeda Nru. 24) li tammonta għas-somma ta' Euro 152,758.77 kif ippreżentata.

b) **Lista ta' Works Orders -** Ġiet approvata unanimament lista ta' Work Orders għax-xhur ta' Marzu u April 2014 kif ippreżentata. Lista annessa.

c) **Lista ta Purchase Orders -** Ġiet approvata unanimament lista ta' Purchase Orders għax-xahar ta' April 2014 kif ippreżentata. Lista annessa.

d) **Lista ta Depożiti-** Ġiet approvata unanimament lista ta' Depoziti fil-bank għax-xahar ta' Marzu 2014 li tammonta għas-somma ta' €43,447.27.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qassam ukoll lista ta' *Refundable Deposits* (dwar permessi ta' krejns etc.) pendenti għal-perjodu Diċembru 2007 sa Marzu 2014. L-ammont pendenti hu ta' €39,801.4. Dawn jinsabu ddepożitati f'kont apposta mal-Bank of Valletta.

e) **Adjustments to Financial Statements – 31/12/2013**

F'dan l-istadju l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea intalab jispjega l-aġġustamenti li saru fil-Financial Statements 31/12/2013 kif intalab li jsir mill-awdituri tal-Kunsill.

Is-Sur Galea spjega fid-dettall l-kontijiet u xi aġġustamenti li saru wara l-intervent tal-awdituri. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ffirmati mis-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Kopja annessa.

**4.00 Korrispondenza**

Ġiet ippreżentata lista ta' 12 il-korrispondenza. Id-Deċiżjonijiet li ttieħdu dwar din il-korrispondenza jinstabu fil-lista annessa.

**4.01.** Dwar Korrispondenza Nru: 10 li fiha GreenPak talbu li l-Kunsill jagħmel Bye-Law sabiex materjal riċiklabbli ma jkunx jista jinġabar minn terzi persuni għajr Green Pak li għandhom ftehim mal-Kunsill, il-Kunsill iddeċieda li jitlob parir legali u terġa tiġi diskussa f'laqgħa oħra. Il-Viċi-Sindku Joseph De Martino qal li wieħed irid joqgħod attent li l-Kunsill ma jkunx qed jieħu responsabilita fuqu meta din r-responsabilita ma toħroġx mill-liġijiet tal-Kunsilli Lokali. Wieħed irid ukoll jara jekk Bye-Law kif mitluba toħloqx konflitt ma' liġijiet oħra tal-pajjiż.

**5.00 Ta' Bistra Catacombs Presentation**

Dan l-item tal-agenda tħalla għal-darb oħra minħabba li s-Sinjura Suzannah Depasquale li kellha tagħmel il-presentation tal-proġett tinsab indisposta.

**6.00 Approvazzjoni għal-bidu ta proċess għall-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv**

Ġie deċiż li l-proċess għall-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv jinbeda aktar tard lejn l'aħħar tas-sena sabiex l-Aġent Segretarju Eżekuttiv preżenti jibqa kemm jista jkun jagħti s-servizzi tiegħu mingħajr interruzjoni tax-xogħol li qed isir min dan is-sitt Kunsill. Din il-leġislatura tagħlaq fil-31 ta' Marzu 2015.

**7.0 Intervisti – Vakanza Klerikali**

Ġie maħtur interviewing bord sabiex jagħmel l-intervisti tal-applikanti għal-ingaġġ ta' skrivan/a mall-Kunsill. Il-bord hu magħmul mis-Sindku Dott. Shirley Farrugia, Il-Viċi-Sindku Joseph De Martino, u s-Sur Alex Muscat.

**8.00 Aġġudikazzjoni ta Tender**

**a)** ***KLM 02-14 - Tender for Installation and Maintenance of Street Lighting in the locality of Mosta***

Fuq suġġeriment tal-Inġinier Mario Galea, il-Kunsill in talab li l-uniku applikant għat-***Tender KLM 02/14 – Tender for Installation and Maintenance of Street Lighting in the Locality of Mosta*** – jingħata lil-Mica Med Ltd jekk dan jikkonferma li lest jissuplixxi arbli skont kif jitlob it-*tender document* bl-istess prezz ikkwotat fit-*tender* u wara li l-Inġinier Galea jkun sodisfatt bl-arbli offruti.

**9.00 Approvazzjoni ta Budgets**

a) Għaxar Anniversarju mill-ftuħ tal-Youth Empowerment
b) *Sports Weekend*

Il-Kunsill approva unanimament li l-Kunsill jħallas għal xi spejjes li jista jkun hemm bżonn sabiex jiġu organizzati attivitajiet fl-okkażjoni ta:

1) L- Għaxar Anniversarju mill-ftuħ tal-Youth Empowerment
2) Sports Weekend li għandha issir fil 24 u 25 ta' Mejju 2014.

Il-Kunsillier James Cassar ġie nkarigat jorganizza l-Sports Weekend.

**10.00 Embellishment of Santa Margerita *Garden***

s-Sindku Dott. Shirley Farrugia nformat lil-Kunsill li wara li ġew approvati l-pjanti u apparat li għandu jiġi nstallat fil-*playground* ta' Santa Margerita, l-Perit Etienne Magri kien ser jagħmel l-applikazjoni għal-fondi lill-Mepa taħt l-iskema tal-UIF.

Hija spjegat li l-pjan hu li din il-playground tkun aċċessibbli kompletament għal persuni b'diżabilita u persuni anzjani.

**11.00 Affarijiet Oħra**

11.01 Il-Viċi-Sindku s-Sur Joe De Martino staqsa jekk l-grupp tal-Iscouts tawniex tweġiba dwar il-ftehim propost mill-Kunsill għal-użu minnhom tal-Batterija tat-Tarġa. Is-Sindku qalet li huma kienu gew imsejħa għall-laqgħa fl-uffiċini tal-Kunsill fejn ġew ippreżentati b'kopja tal-ftehim propost. Huma kienu rrifjutaw li jħallsu l-kera tal-post b'lura u min dak inhar sal-lum il-Kunsill ma rċieva l-ebda komunikat mingħandhom. Is-Sindku sostniet li l-Kunsill kien dejjen lest u għadu lest li jintlaħaq kompromess mal- grupp tal-iScouts fuq dan is-suġġett.

11.02 Fuq talba tal-Kunsillier Mario Sammut il-budget approvat għal-event tal-anzjani tat-13 ta' Gunju ġie rivedut u ġiet approvata s-somma ta' 300 Ewro għal din l-attivita.

**12.0 Aġġornament**

Il-Laqgħa spiċċat fil 10.15p.m.

Dott. Shirley Farrugia
Sindku

John J. Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv